MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Numru. 394/1999

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**MICHAEL ZAHRA ta' 40 sena, iben Alfred u Mary nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta' nhar it-22.09.1971, residenti fil-fond numru 41, Triq il-Kampnar, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 440071M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Michael Zahra** li gie akkuzat talli:

1. B'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u cioe' talli f'Birkirkara

nhar it -13 ta' Mejju, 1999 ghall-habta tas-7.00am, ikkommetta serq ta' vettura numru EAN459 tal-marka Morris;

2. U aktar talli f'Tas-Sliema nhar it-13 ta' Mejju, 1999, ikkommetta serq ta' radio cassette minn vettura DAD509;

3. U aktar talli nhar it-12 ta' Mejju, 1999, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioe' ttanta jikkommetti serq minn vettura MJL004;

4. U aktar talli f'Tas-Sliema nhar it-3 ta' Gunju, 1999, ghall-habta tas-6.30am, ikkommetta serq ta' radio cassette minn vettura numru JBA419;

5. U aktar talli nhar it-3 ta' Gunju, 1999, ghall-habta tas-6.30am, ikkommetta serq ta' zewg speakers u radio cassette minn vettura numru IAZ997;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' chaser minn go vettura numru DAV964, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur ta' aktar minn Lm1,000.00, u bix-xorta tal-haga misruqa;

7. U aktar talli nhar it-12 ta' Mejju, 1999; fit-13 ta' Mejju, 1999; u fit-3 ta' Gunju, 1999, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara f'diversi vetturi, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50.00 izda inqas minn Lm500.00;

8. U aktar talli nhar it-13 ta' Mejju, 1999; u fit-3 ta' Gunju, 1999, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

9. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ghal sentenzi li gew definittivament decizi nhar is-26 ta' Jannar, 1995 mill-

Qorti tal-Appell; fl-1 ta' Novembru, 1996; u fl-14 ta' Frar, 1997 mill-Qorti tal-Magistrati;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':
1. F-Artikoli 261(b)(c)(g), 263, 267, 271(g), 278, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-Artikoli 325, 334, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' Michael Zahra ghal proceduri sommarji (folio 161).

Rat illi d-Difiza, moghtija diversi differimenti, naqset illi tressaq provi, hlief ghal dak li seta' kien il-progress ta' l-imputat fil-glieda tieghu kontra l-abbuz tad-droga, pero dan sas-sena 2005 (a folio 183).

Illi fil-mertu l-Qorti semghet il-provi prodotti, senjalament dawk li gew derubati jew sfrattaw serqa maghmula mill-imputat, li allura sofrew danni fil-vettura taghhom.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti fil-konfront tar-recidiva. Rat f'dan ir-rigward anke l-istqarrija rilaxxata mill-istess imputat.

Illi ghaldaqstant rat l-Artikoli 261(b)(c)(g), 263, 267, 271(g), 278, 279, 325, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ssibu hati ta' l-istess.

Din il-Qorti tati diversi differimenti biex jingabu provi dwar il-progress ta' l-imputat. Gie prodott biss Dr Zammit Montebello li xehed dwar il-konoxxenza tieghu - pozittiva, fi hdan is-SATU fis-sena 2009 – xejn aktar. F'dan it-trapass ta' zmien kollu ma nafu xejn dwar il-hajja ta' l-imputat, jekk per ezempju ghandux xi impjieg effettiv. Lanqas ma tista' d-Difiza titlob bhala attenwant it-trapass taz-zmien li kien dejjem ghall-provi taghha.

Dwar il-piena, rat l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sentejn(2).

Tilliberah mir-reat kontemplat fl-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu tqis illi dan kien kap alternattiv ghal dak ta' serq.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------